MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Awwissu, 2007

Numru 609/2007

Il-Pulizija
(Spettur Alfred Mallia)

vs

Simon Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Simon Camilleri detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 453166M, akkuzat talli:

Fil-Belt Valletta fil-lejl ta’ bejn it-Tlieta 17 u l-Erbgha 18 ta’ Lulju 2007 volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ hsara f’vettura ghamla Toyota Corolla numru ta’ registrazzjoni DUN248 limea hsara tammonta ghal aktar minn Lm500 izda anqas minn Lm1000 ghad-dannu ta’ Theresa Agius detentrici ta’ karta ta’ identita’ 203565M

u/jew Dunstan Camilleri detentur ta’ karta ta’ identita’ 462682M.

Sar recediv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Theresa Agius, Dustan Camilleri u l-familjari taghhom billi tapplika l-provedimenti ta’ l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ bi procedura sommarja mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni huwa nsista fuqha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Semghet lill-parti leza Therese Agius.

Ikkonsidrat:

Illi fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u inkonddizjonata tal-imputat u x-xhieda ta’ Therese Agius li fost affarijiet ohra stqarret li giet rimborsata mill-hsara sofferta lill-vettura taghha, il-Qorti, filwaqt li qeghdha tiddikjara l-imputat hati, rat l-Artikolu 325 tal-Kap 9, u tiddeciedi li tillibera lill-imputat taht l-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien tlett xhur mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu b’din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------